22001D0046

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 46/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Anness XI (Servizzi ta' Telekomunikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2001 tat-28 ta' Frar 2001 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/22/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar emenda ta' l-Anness III għad-Direttiva 98/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 1998 dwar l-applikazzjoni ta' *open network provision* (ONP) għal telefonija bil-vuċi u dwar is-servizz universali għal telekomunikazzjonijiet f'ambjent kompetittiv ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Li ġej għandu jiġi mdaħħal qabel it-test ta' addattament fil-punt 5ċ (Direttiva 98/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XI għall-Ftehim:

"kif emendat bi:

— **32001 D 0022**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/22/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 5, ta' l-10.1.2001, p. 12)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/22/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 117, tat-26.4.2001, p. 21.
([2]) ĠU L 5, ta' l-10.1.2001, p. 12.
(*) Ebda htigiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND